MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2007

Numru. 695/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MICHAEL MALLIA**

**KONTRA**

**EMMA GRECH**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Emma Grech ta’ 19-il sena, bint Emmanuel u Susan nee’ Lee, imwielda Haz-Zabbar nhar il-31 ta’ Marzu, 1988, residenti fil-fond imsejjah ‘Il-Girna’, 8, Triq Melqart, Marsaxlokk, detentrici tal-karta tal-identita’ bin-numru 176688M;

Akkuzata talli:

1. Fil-15 ta’ Awwissu, 2007 u fix-xhur ta’ qabel din id-data, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew

maghmulin b'risoluzzjoni wahda, ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli f'Delimara limiti ta' Marsaxlokk, nhar id-29 ta' Gunju, 2007 ghall-habta tas-7.00 ta' fil-ghaxija, ikkommettiet serq ta' back pack kontenenti diversi oggetti fosthom mobile phone tal-marka Nokia 6111,
3. flus kontanti, karta ta' identita', licenjza tas-sewqan, u credit cards, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok u bil-valur li jiskorri l-mitt lira maltin (Lm100.00), izda ma jeccedix l-elf lira maltin (Lm1,000.00), u li sar ghad-detriment ta' Adrian Vella;

4. U aktar talli f'Delimara limiti ta' Marsaxlokk, nhar id-29 ta' Gunju, 2007, ghall-habta tal-4.30 ta' wara nofsinhar, ikkommettiet serq ta' hand bag, kontenenti diversi oggetti fosthom flus kontanti, karta tal-identita', licenzja tas-sewqan, u credit card, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok u bil-valur li jiskorri l-mitt lira maltin (Lm100.00), izda ma jeccedix l-elf lira maltin (Lm1,000.00), u li sar ghad-detriment ta' Marianne Micallef;

5. U aktar talli f'Birzebbuga, nhar il-11 ta' Lulju, 2007, ghall-habta tan-nofs siegha ta' wara nofsinhar fl-inhawi tal-Bajja s-Sabiha ta' Birzebbuga, ikkommettiet serq ta' diversi oggetti fosthom mobile phone tal-marka Nokia 6131 u flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok u bil-valur li jiskorri l-mitt lira maltin (Lm100.00), izda ma jeccedix l-elf lira maltin (Lm1,000.00), u li sar ghad-detriment ta' Gianluca Grixti u/jew persuni ohra;

6. U aktar talli f'Birzebbuga, nhar il-15 ta' Awwissu, 2007 ghall-habta tal-4.00 ta' wara nofsinhar, fl-inhawi tal-Bajja s-Sabiha Birzebbuga, ikkommettiet serq ta' back pack kontenenti diversi oggetti fosthom camera tar-ritratti u mobile phone Samsung X660V, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok u bil-valur li jiskorri l-mitt lira maltin (Lm100.00), izda ma jeccedix l-elf lira maltin (Lm1,000.00), u li sar ghad-detriment ta' Rossana Bugeja;

7. U aktar talli f'xi jum fil-gimghat ta' qabel is-16 ta' Lulju 2007, f'xi hin wara nofsinhar f'Delimara limiti ta' Marsaxlokk, ikkommettiet serq ta' back pack kontenenti diversi oggetti fosthm mobile phone tal-marka Nokia 5110, li l-valur globali taghhom jiskorri s-somma ta' hamsin lira maltin (Lm50.00), liema serq huwa kkwalifikat bil-lok u li sar ghad-detriment ta' persuna mhux maghrufa;

8. U aktar talli f'xi jum fil-gimghat tq' qabel is-16 ta' Lulju 2007, f'xi hin wara nofsinhar fl-inhawi tal-Bajja s-Sabiha, Birzebbugam, ikkommettiet serq ta' back pack kontenenti diversi oggetti fosthom mobile phone tal-marka Nokia 3410 u flus kontanti, li l-valur globali taghhom jiskorri s-somma ta' hamsin lira maltin (Lm50.00), liema serq huwa kkwalifikat bil-lok u li sar ghad-detriment ta' persuna mhux maghrufa;

9. U aktar talli f'Birzebbuga, nhar l-14 ta' Awwissu, 2007, ghall-habta tas-1.30pm, fl-inhawi tal-Bajja s-Sabiha, ikkommettiet serq ta' back pack kontenenti diversi oggetti fosthom mobile phone tal-marka Nokia 1110 u flus kontanti, li l-valur globali taghhom jiskorri s-somma ta' mitt lira maltin (Lm100.00), izda inqas minn elf lira maltin (Lm1,000.00), liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-lok u li sar ghad-detriment ta' Chanelle Agius, Donna Agius, u Claudine Cauchi;

10. U aktar talli f'xi jum fil-gimghat ta' qabel is-16 ta' Lulju 2007, f'xi hin wara nofsinhar fl-inhawi ta' Birzebbuga u Delimara, ikkommettiet serq ta' back pack kontenenti diversi oggetti fosthom mobile phone tal-marka Sagem MYX-7 u flus kontanti, li l-valur globali taghhom jiskorri s-somma ta' Lm50.00 (hamsin lira maltin), liema serq huwa kkwalifikat bil-lok u li sar ghad-detriment ta' persuna mhux maghrufa;

11. U aktar talli f'Birzebbuga fil-perjodu ta' bejn id-19 u s-26 ta' Lulju, 2007 f'xi hin wara nofsinhar, fl-inhawi tal-Bajja s-Sabiha, ikkommettiet serq ta' back pack kontenenti diversi oggetti fosthom mobile phone tal-marka Sagem MYX-5 u flus kontanti, li l-valur globali taghhom jiskorri s-somma ta' mitt lira maltin (Lm100.00), izda inqas

minn elf lira maltin (Lm1,000.00), liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-lok u li sar ghad-detrimenet ta' Maverick Ciantar;

12. U finalment talli fi zminijiet u cirkostanzi differenti, xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxiehom, liema oggetti misruqa gejjin minn reati ta' serq aggravat bil-valur.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;
Wara li rat l-ammissjoni tal-imputata f'dan l-istadju ta' dawn il-proceduri, wara li nghatat zmien xieraq skond il-Ligi sabiex tikkonsidra din l-ammissjoni taghha;
Wara li rat l-Artikoli 18, 269, 279(a), u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li rat illi l-hdax(11)-il imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghal dik ta' serq, u ghaldaqstant il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmija imputata Emma Grech hatja tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieha, u ghaldaqstant tordna li titqieghed taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlitt (3) snin, ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
Barra minn hekk din il-Qorti qed tordna lill-istess imputata thallas is-somma ta' erba' mija u hamsin lira maltin (Lm450.00) bhala kumpens tas-serq soffert mill-persuni indikati fi zmien sitt (6) xhur, ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------